

ECHA-13-A-08-MT

Programm ta' Ħidma Multiannwali 2014-2018

Mibni fuq erba' miri strateġiċi, il-pjan ta' ħames snin tal-ECHA jiddefinixxi kif l-Aġenzija ser tikkontribwixxi għall-miri tar-Regolamenti REACH, CLP, dwar il-Prodotti Bijoċidali u PIC¹ mill-2014 sal-2018.



Il-viżjoni tal-ECHA hi li ssirl-awtorità **regolatorja** prinċipali fid-dinja fejn tidħol is-sigurtà tas-sustanzi kimiċi.

Dan il-pjan ta' ħames snin jistabbilixxi kif għandha tintlaħaq din il-mira ambizzjuża, li għaliha l-ECHA ser tikkooopera mill-qrib mal-istituzzjonijiet Ewropej u mal-Istati Membri, u tinteraġixxi mill-qrib mal-partijiet interessati akkreditati tagħha.

L-erba' miri strateġiċi kienu maħluqa biex ir-riżorsi tal-ECHA jiġu ffukati fuq oqsma ta' prijorità: biex tiġi żgurata l-fiduċja tal-pubbliku fl-informazzjoni ta' sigurtà pprovduta mill-industrija, titnaqqas il-preżenza u l-espożizzjoni ta' sustanzi kimiċi ta' tħassib u tinbena l-kapaċità għal konsulenza xjentifika affidabbli. Fl-istess ħin, l-Aġenzija taħdem biex iżżid aktar l-effiċjenza u l-effettività.

L-erba' miri huma mqassma f'oqsma ta' azzjoni u punti primarji għal kull sena. Programmi ta' ħidma annwali ser jipprovdu aktar dettall dwar l-attivitajiet individwali.

Il-progress fejn jidħlu dawn il-punti primarji prinċipali u l-oqsma ta' azzjoni ser jitkejjel kull sena u dan jippermetti lill-ECHA tirrevedi u taġġorna l-pjan u l-punti primarji, jekk ikun neċessarju.

¹L-ECHA timplimenta r-Regolament dwar ir-Reġistrazzjoni, il-Valutazzjoni, l-Awtorizzazzjoni u r-Restrizzjoni tas-Sustanzi Kimiċi (REACH); ir-Regolament dwar il-klassifikazzjoni, l-ittikkettar u l-imballaġġ ta' sustanzi u taħlitiet (CLP); ir-Regolament dwar il-Prodotti Bijoċidali (BPR) u r-Regolament dwar Kunsens Informat minn Qabel (PIC).

MIRA STRATEĠIKA 1: IL-MASSIMIZZAZZJONI TAD-DISPONIBBILTÀ TA' INFORMAZZJONI TA' KWALITÀ GĦOLJA SABIEX IKUNU POSSIBBLI L-MANIFATTURA U L-UŻU SIGUR TAS-SUSTANZI KIMIĊI

Bis-saħħa tar-Regolamenti REACH u CLP, l-ECHA issa għandha l-akbar dejtabejż fid-dinja dwar l-impatt tas-sustanzi kimiċi. L-Aġenzija tippubblica informazzjoni dwar sustanzi rreġistrati, dwar sustanzi notifikati lill-inventarju tal-klassifikazzjoni u l-ittikkettar u dejta li tirriżulta mill-attivitajiet regolatorji tagħha.

L-isfida fl-2014-2018 hi li titjeb il-kwalità tad-dejta ta' rreġistrazzjoni. Din id-dejta jeħtieġ li tintuża effettivament sabiex ikunu possibbli l-manifattura u l-użu sigur tas-sustanzi kimiċi. Billi tevalwa d-dossiers u tiegħu azzjoni immedjata kontra kumpaniji li l-informazzjoni tagħhom ma tkunx tilħaq l-istandard, l-ECHA tgħin biex tiżgura kondizzjonijiet ekwi għar-riġistranti kollha.

L-Aġenzija tipprovi sostenn lil riġistranti u utenti downstream biex itejbu l-komunikazzjoni ta' konsulenza dwar il-ġestjoni tar-riskji tul il-katina tal-provvista - sal-oġġetti għall-benefiċċju tal-konsumaturi.

MIRA STRATEĠIKA 2: IL-MOBILIZZAZZJONI TAL-AWTORITAJIET BIEX JUŻAW L-INFORMAZZJONI B'MOD INTELLIĠENTI SABIEX JIDENTIFIKAW U JINDIRIZZAW SUSTANZI KIMIĊI TA' TĦASSIB

L-ECHA taħdem mill-qrib mal-Istati Membri u mal-Kummissjoni sabiex tiżviluppa qafas komuni għall-ġestjoni tar-riskji tas-sustanzi kimiċi. Taħdem biex tuża l-informazzjoni fid-dejtabejż tagħha b'mod intelliġenti: biex l-ewwel tfittex dawk is-sustanzi li jidhru li jkunu l-aktar ta' ħsara u li r-riskji tagħhom jistgħu ma jkunux għadhom ġestiti tajjeb. Billi tiffoka fuq l-identifikazzjoni ta' sustanzi ġodda għall-ġestjoni tar-riskji u billi tinkludi dawn is-sustanzi fuq il-listi Kandidati u ta' Awtorizzazzjoni, l-ECHA tikkontribwixxi għas-sostituzzjoni tas-sustanzi l-aktar perikolużi fl-UE.

Bid-dħul f'operazzjoni tar-Regolament dwar il-Prodotti Bijoċidali, l-ECHA tiegħu rwol ċentrali fil-koordinazzjoni tal-valutazzjoni ta' sustanzi attivi u l-awtorizzazzjoni tul l-Unjoni ta' prodotti bijoċidali.

Sabiex ittejjeb il-konformità mal-leġiżlazzjoni dwar is-sustanzi kimiċi fl-Ewropa, l-ECHA issostni lill-awtoritajiet nazzjonali biex jarmonizzaw l-attivitajiet tal-infurzar tagħhom.



MIRA STRATEĠIKA 3: LI TINDIRIZZA L-ISFIDI XJENTIFIĊI BILLI SSERVI BĦALA NUKLEU GĦALL-BINI TAL-KAPAĊITÀ XJENTIFIKA U REGOLATORJA TAL-ISTATI MEMBRI, L-ISTITUZZJONIJET EWROPEJ U ATTURI OĦRA.

Biex tibqa' fuq quddiem fix-xjenza regolatorja, l-ECHA tikkoopera mill-qrib mal-komunità xjentifika, u ssegwi l-aħħar żviluppi u ħtiġiet regolatorji emerġenti. Permezz ta' gruppi ta' ħidma speċjalizzati ta' kumitati, pjattaformi xjentifiċi, taħriġ u workshops, qiegħda tibni nukleu għall-bini tal-kapaċità għall-Istati Membri, l-istituzzjonijiet Ewropej u atturi oħra.

Fis-snin li ġejjin, strateġija regolatorja ġdida tax-xjenza ser tipprijoritizza l-attivitajiet xjentifiċi tal-Aġenzija.

MIRA STRATEĠIKA 4: LI TĦADDAN KOMPITI LEĠIŻLATTIVI PREŻENTI U ĠODDA B'MOD EFFIĊJENTI U EFFETTIV, FILWAQT LI TADATTA GĦAL LIMITI ĠODDA FUQ IR-RIŻORSI

Mill-2014 sal-2018, l-ECHA qiegħda tiffaċċja volum għoli ta' kompiti regolatorji taħt REACH u CLP u bdiet b'kompiti ġodda li jirrelataw għar-Regolamenti dwar il-Prodotti Bijoċidali u dak PIC. Fl-istess ħin, jeħtieġ li jiġu ffaċċjati limiti ta' riżorsi mill-baġit tal-UE. Għaldaqstant, l-ECHA qiegħda tipprova timmassimizza s-sinerġiji bejn il-kompiti tagħha, billi tagħmel l-aħjar użu possibbli tal-IT. It-titjib kontinwu tal-operazzjonijiet kollha jimmira lejn aktar effiċjenza kif ukoll effettività akbar.

Aqra l-Programm ta' Ħidma Multiannwali tal-ECHA 2014-2018 f': echa.europa.eu/publications

© L-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi - Settembru 2013